

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

2008/2031(INI)

24.6.2008

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar l-evalwazzjoni tas-sanzjonijiet ta' l-UE bħala parti mill-azzjonijiet u l-politiki ta' l-UE fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem
(2008/2031(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Vittorio Agnoletto

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarjiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Iqis li d-drittijiet tal-bniedem huma aspett essenzjali tal-mandat ta' negozjati għall-ftehimiet kummerċjali mogħti lill-Kummissjoni mill-Kunsill, u li l-Parlament għandu dejjem ikollu sehem fid-definizzjoni ta' dak il-mandat, b'mod partikulari minħabba l-fatt li l-Unjoni Ewropea għandha rwol prinċipali fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija fid-dinja u li s-sanzjonijiet ekonomiċi u politiki huma għodda importanti fir-rigward ta' pajjiżi li juru diżrispett totali lejn id-drittijiet tal-bniedem;
2. Jappella lill-Kummissjoni sabiex iżżomm lill-Parlament infurmat b'mod kostanti dwar l-influenza li s-sanzjonijiet imposti għandhom fuq l-ilħuq ta' objettivi, u tipprova tressaq proposti rigward il-bdil possibbli fid-dawl ta' l-iżviluppi fil-pajjiż ikkonċernat;
3. Jemmen li huwa importanti ħafna li l-qalba legali tad-drittijiet tax-xogħol ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol (ILO) tkun inkluża fi kwalunkwe Ftehim ta' Kummerċ Fieles (FTA) fil-futur bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi;
4. Jinnota li sanzjonijiet purament kummerċjali kienu ineffettivi f'ħafna mill-każijiet, b'mod speċjali jekk ma jkunux imposti madwar id-dinja kollha u taħt l-awspiċċi tan-Nazzjonijiet Uniti, u jagħmlu ħsara lill-popolazzjoni ċivili aktar mill-gvernijiet tal-pajjiżi li lilhom ġiet applikata s-sanzjoni;
5. Iqis li r-ratifikazzjoni mill-imsiebħa fil-kummerċ, tal-qalba tal-Konvenzjonijiet ILO, tal-Konvenzjonijiet tan-NU dwar in-nuqqas ta' diskriminazzjoni, u l-Konvenzjoni dwar it-Tneħħija ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni lejn in-Nisa (CEDAW) bħala element essenzjali tal-klawżola tad-drittijiet tal-bniedem bħala kundizzjoni għall-konklużjoni ta' ftehimiet kummerċjali ma' pajjiżi terzi;
6. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex iħejju analiżi ċara dwar l-effettività tas-sanzjonijiet li diġà tpoġġew fis-seħħ u l-influenza li għandhom fuq ir-relazzjonijiet kummerċjali ta' l-UE;
7. Huwa ta' l-opinjoni li s-sanzjonijiet kummerċjali ta' l-UE ma kellux ikollhom effett ġenerali fuq is-soċjetà kollha imma għandhom ikunu aktar immirati lejn l-interessi finanzjarji ta' l-individwi jew tal-kumpaniji privati u/jew statli li għandhom influwenza diretta jew indiretta fuq il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, mingħajr ma tkun iippenalizzata l-popolazzjoni, b'mod partikulari l-oqsma tagħha li jippermettu li-ċittadini l-aktar foqra li jaqilgħu l-għixien tagħhom;
8. Iqis li s-sanzjonijiet għandhom ikunu mmirati wkoll lejn is-setturi ekonomiċi li, għal dawk il-gvernijiet li jiksru d-drittijiet tal-bniedem huma għajn strateġika ta' dħul li jippermettilhom li jżommu l-poter;
9. Iqis li meta jittieħdu deċiżjonijiet marbuta ma' sanzjonijiet, qabel jiġu imposti s-

sanzjonijiet u meta tiġi evalwata l-effettività tas-sanzjonijiet eżistenti, il-korpi ta' l-UE għandhom joperaw mill-qrib mas-soċjetà ċivili u ma' l-organizzazzjonijiet mhux governattivi fil-pajjiż ikkonċernat;

10. Jemmen li l-applikazzjoni u l-evalwazzjoni ta' sanzjonijiet min-naħa ta' l-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' ksur ta' drittijiet ta' bniedem, għandhom bħala prinċipju jkunu aktar dominanti fuq il-ħsara li tirriżulta mill-applikazzjoni tagħhom fl-interessi ta' l-Unjoni Ewropea u ċ-ċittadini tagħha;
11. Iqis li peress li s-sanzjonijiet għandhom rwol simboliku importanti fiż-żamma tad-drittijiet tal-bniedem (minħabba l-fatt li huma marbuta ma' ksur tad-drittijiet tal-bniedem speċifiku, definit u ċar) m'għandhomx ikunu mneħħija sakemm ir-raġuni ta' l-impożizzjoni tagħhom tiegħaf, irrispettivament mill-effett fuq l-interessi kummerċjali ta' l-UE;
12. Huwa tal-fehma li jekk jiġi ddikjarat fir-rapport ta' evalwazzjoni li l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet mhux qed ikollha l-effett mixtieq, in-natura tas-sanzjonijiet għandha tinbidel (pereżempju minn ġenerali għal immirata);
13. jitolb li l-klawżola relattiva għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija tiġi estiża wkoll għall-ftehimiet il-ġodda kollha bejn l-UE u l-pajjiżi terzi, kemm jekk pajjiżi industrijalizzati jew pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw, u tiġi inkluża b'mod partikulari fil-ftehimiet kummerċjali u settorjali;
14. Iqis li s-sanzjonijiet kummerċjali fis-sens strett għandhom ikunu akkumpanjati minn metodi oħra ta' sanzjonijiet li mhumiex strettament sanzjonijiet kummerċjali, bħal projbizzjonijiet fuq titjiriet, embargi speċifiċi (pereżempju fuq l-importazzjoni ta' l-armi), projbizzjoni fuq id-dħul fl-Unjoni Ewropea, restrizzjonijiet finanzjarji, twissijiet diplomatiċi, bojkott ta' l-avvenimenti kulturali u sportivi, etc.; barra minn hekk, jenfasizza li l-Istati Membri kollha, mingħajr eċċezzjonijiet, għandhom jirrispettaw is-sanzjonijiet li jkunu ġew applikati;
15. Jilqa' l-fatt li s-sistema ġeneralizzata ta' l-UE dwar il-preferenzi fit-tariffi (GSP) tipprovdi preferenzi addizzjonali fit-tariffi għal dawk il-pajjiżi li rratifikaw u implimentaw għadd ta' konvenzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol, il-ħarsien ambjentali u t-tmexxija tajba; bl-istess mod jenfasizza li l-GSP jagħmel dispożizzjoni għall-irtirar ta' dawk il-preferenzi fil-każ ta' pajjiżi li ma jimplimentawx dawk il-konvenzjonijiet;
16. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ma jipproponux ftehimiet FTA u/jew ta' assoċjazzjoni - anki bi klawżoli dwar id-drittijiet tal-bniedem - lil gvernijiet ta' pajjiżi fejn hemm għadd kbir ħafna ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, skond ir-rapporti ta' l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti;
17. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tissorvelja l-effettività tas-sanzjonijiet kummerċjali u tal-kriterji użati fl-applikazzjoni u fl-irtirar ta' sanzjonijiet bħal dawk, sabiex tinformah dwar ir-riżultati miksuba, u tressaq proposta għal strateġija aktar konsistenti għall-impożizzjoni ta' sanzjonijiet fuq pajjiżi li jksur d-drittijiet tal-bniedem bil-għan li, min-naħa waħda, jitnaqqas l-effett ta' ħsara kkawżat mis-sanzjonijiet applikati fuq bażi ad hoc kif ukoll, min-naħa l-oħra, bil-għan li tiżdied l-effettività tas-sanzjonijiet b'mod li analiżi

- dettaljata u kumplessa tas-sitwazzjoni fil-pajjiż konċernat turi jekk dawn humiex xierqa;
18. Jistieden lill-Kummissjoni biex tevalwa jekk is-sanzjonijiet hux qed jimmiraw lejn dawk responsabbli u jekk l-iskadenzi magħżula humiex xierqa;
 19. Fil-każ li tiġi imposta sanzjoni fuq pajjiż li jibbenefika mill-appoġġ ta' l-Unjoni Ewropea għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, jappella sabiex tingħata prijortità lill-prinċipju ta' mmirar ta' sanzjonijiet 'intelliġenti' u mhux lis-sanzjonijiet ġenerali li, b'mod loġiku, jistgħu jkunu f'kunflitt ma' l-għajnuna għall-iżvilupp;
 20. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jevalwaw l-impatt ta' sanzjonijiet fuq il-politika ta' żvilupp tal-pajjiżi taħt eżami u fuq il-politika kummerċjali ta' l-UE;
 21. Meta jiġu evalwati l-miżuri ta' sanzjoni, jistieden sabiex titqies l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet minn korpi oħra jew minn pajjiżi oħra, b'mod partikulari l-Istati Uniti ta' l-Amerika, li ħafna drabi tinnegozja ma' pajjiżi li lilhom ikunu ġew imposti sanzjonijiet;
 22. Jistieden lill-Kummissjoni biex tibda negozjati ma' pajjiżi li jgħibu ruħhom b'mod li jnaqqas l-effettività tas-sanzjonijiet imposti mill-Unjoni Ewropea f'pajjiż fejn ġew imposti sanzjonijiet;
 23. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex, bil-għan li tinforza s-sanzjonijiet fir-reġjuni kkonċernati, tikkopera b'mod kontinwu mal-pajjiżi li għandhom frontiera mal-pajjiż affettwat mis-sanzjonijiet, kemm meta t-tip ta' sanzjoni tkun għadha qed titfassal kif ukoll meta s-sanzjonijiet ikunu qed jiġu implimentati u anki meta l-effettività u l-impatt tagħhom fuq il-politiki kummerċjali tar-reġjun aktar wiesa' jkunu għadhom qed jiġu evalwati.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|--|--|
| Data ta' l-adozzjoni | 24.6.2008 |
| Riżultat tal-votazzjoni finali | +: 23 -: 1 0: 2 |
| Membri preżenti għall-votazzjoni finali | Francisco Assis, Graham Booth, Carlos Carnero González, Daniel Caspary, Françoise Castex, Christofer Fjellner, Béla Glattfelder, Ignasi Guardans Cambó, Jacky Hénin, Syed Kamall, Marusya Ivanova Lyubcheva, Erika Mann, David Martin, Vural Öger, Georgios Papastamkos, Godelieve Quisthoudt-Rowohl, Tokia Saïfi, Peter Šťastný, Robert Sturdy, Gianluca Susta, Iuliu Winkler, Corien Wortmann-Kool |
| Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali | Vittorio Agnoletto, Jan Tadeusz Masiel, Salvador Domingo Sanz Palacio |
| Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178 (2)) preżenti għall-votazzjoni finali | Małgorzata Handzlik |